MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 885/2005

Francis Harmsworth

-vs-

Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer b' digriet tat-18 ta' Ottubru, 2005, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-intressi tal-assunti Rubin De La Cruz sive Rubin Dela Cruz.
Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur wara li premetta;

Illi l-attur huwa kreditur fis-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (LM 15, 000) rappresentanti din is-somma flus appartenenti lill-attur li l-konvenut appropja ruhu indebitament minnhom.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m' ghandu l-ebda ecezzjonijiet x' jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b' hekk jezistu c-cirkostanzi

kontemplati fl-Artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.
Illi l-konvenut debitament interpellat baqa' inadempjenti.

Talab lil konvenut jghid ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi dini l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrur is-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (LM 15, 000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1441/05 u bl-imghax u bil-konvneut li giet ngunt in subizzjoni.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li ma setghux jikkomunikaw mal-patrocinat taghhom (peress li l-attur stqarr li ma kellux l-indirizz tal-konvenut assenti) u allura ma kellhomx informazzjoni biex jikkontestaw it-talba attrici fil-meritu;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fin-nuqqas ta' eccezzjonijiet fil-meritu, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-isepejjez kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------